**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 1 ta' Frar 2018**

**Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Bryden Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Bryden Azzopardi ta' 28 sena bin Joseph u Helen nee' Attard imwieled Pieta fil-15 ta' Dicembru, 1989 u joqghod ir-Razzett ta.-Nuza, Triq Hannibal, Attard u detentur tal-karta tal-identita' numru 104090M;

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe':-

1) Talli fix-xahar ta' Novembru 2016 u xhur/zminijiet wara f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' BOV Cheque Book Akkont numru 22:127:40019711159 ghad-detriment ta' Alexander Sciro' minn H'Attard u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

2) Ukoll talli fl-14 ta' Frar 2017 f'xi hinijiet fil-fond 'General Engineering Ltd' sitwat fit-Triq Gadrajja, Marsa u/jew f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz,

jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' makkinarju [gear boxes] u/jew oggetti ohra ghall-valur ta' €384.44 ghad-detriment ta' Emanuel Vella minn Pembroke u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

3) Ukoll talli fl-14 ta' Frar 2017 f'xi hinijiet fil-fond 'General Engineering Ltd' sitwat fit-Triq Gadrajja, Marsa u/jew f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' makkinarju [gear boxes] u/jew oggetti ohra ghall-valur ta' €532.86 ghad-detriment ta' Emanuel Vella minn Pembroke u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

4) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin minn jew Frodi ghad-detriment ta' Emanuel Vella u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

5) Ukoll talli fil-25 ta' Mejju 2017 u/jew zminijiet wara f'xi hinijiet fil-'MIA Petrol Station Top Car Ltd' li tinsab il-Gudja u/jew f'dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza jew ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' fuel 'diesel' u/jew oggetti ohra ghall-valur ta' €230 ghad-detriment ta' Sergio Camilleri minn Ghawdex u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

6) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi fix-xhur ta' Frar 2017 u Mejju 2017 f'dawn il-gzejjer iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' iffalsifika cekkijiet tal-BOV numri 161, 163 u 196 akkont numru 22:127:40019711159 u/jew oggetti ohra ta' Alexander Sciro' minn Hal-Tarxien u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija;

7) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew, fi skrittura kummerrcjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe f'cekkijiet tal-BOV numri 161, 163 u 196 akkont numru 22:127:40019711159 u/jew oggetti ohra ta' Alexander Sciro' u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra billi holoq pattijiet dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawn l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw;

8) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement ghamel uzu mill-istess cekkijiet iffalsifikati;

9) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt cioe' b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghameluzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ittenta jaghmel qliegh ta' somom ta' €384.44, €532.86 u €230 rispettivament ghad-detriment ta' Alexander Sciro' u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra;

10) U aktar talli fl-istess cirkustanzi ghamel qliegh iehor b'qerq cioe' il-qliegh ta' madwar €384.44, €532.86 u 230 ewro rispettivament ghad-detriment ta' Emanuel Vella, Sergio Camilleri u/jew persuni ohrau/jew entitajiet ohra;

11) Ukoll talli f'Novembru 2016 u xhur wara f'dawn il-gzejjer meta sab hwejjeg li naqsu lil haddiehorjew intilfu, cioe' sab BOV Cheque Book Akkont numru 22:127:40019711159 ta' Alexander Sciro' minn H'Attard, ma gharrafx bihom, fi zmien tlitt ijiem, lill-Pulizija Ezekuttiva;

12) Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-1 ta' Frar 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum, fejn gie dikjarat illi l-ammonti kollha indikati fit-tahrika gew kollha mhallsa mill-imputat;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 41a, 49, 50, 167, 169, 183, 184, 261d, 289, 308 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal piena ta' sena (1) prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**